DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: .................................

*Notamenti*

## IL-BELLIEGĦA FIL-BIR

*2 Att, 7 Xena, p.100 (F/f)*

### RIENI

**XI ALLA ŻGĦIR U ISWED.**

Ipprova mela, Xiħ. X'għandek x'titlef?

Ara jien, jien m'iniex bħalek. Ma tantx naħfer malajr jien. L-ewwel irrid inpattiha. Illum pereżempju, illum jien u l-maħbub tiegħi kellna xi ngħidu. U hu abbandunani fid-deżert ta' wara nofs inhar sajfi, f'nofs triq niexfa għad-dell ta' lukanda battala qed tiġġarraf taħt xemx tisreġ. U biex jeħlisni ġie alla żgħir u iswed riekeb fuq Porsche ħamra ttajjar ix-xrar u tobżoq il-liri. U jien irkibt u tlaqt miegħu.

Imma l-ewwel tlabt lill-alla iswed idur darbtejn, tliet darbiet madwar l-oażi tal-maħbub tiegħi. Biex hu żgur jarani nitgħannaq u nbus lill-alla iswed tiegħu. X'taħseb li għamel? Rani u faqa f'demmu? Ħareġ jiġri warajna, ixejjer il-ponn jew ximitarra?... Le. Baqa' ma deherx. Baqa' ma deherx… U wara – wara taħseb li ddispjaċih ta' kif ġab ruħu miegħi? X'taħseb?

*IX-XIĦ: Iddispjaċih. Għal ftit iddispjaċih. Imbagħad xorob ftit ieħor, siker u ntefa' jorqod. U wara, meta ħrabt fuq il-Porsche ħamra, wara lilek iddispjaċik, Irene?*

Xi ftit. (Jien) Dejjem jiddispjaċini xi ftit… wara.

*IX-XIĦ: Jien ukoll. Goodnight, Irene.*

Goodnight. U tal-aħħar, Xwejjaħ – jekk taf xi alla żgħir u iswed, agħtih ċempila int ukoll. Min jaf – forsi jista' jgħinek – lilek ukoll. *(<186)*

PDF p.100

**ĦIN** MASSIMU ............ MINIMU .............

**PROPS** ...............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☒ = *IX-XIĦ*

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.